Nru./No. 19,522
Prezz/Price
€3.60

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 15 ta' Jannar, 2016
Friday, 15th January, 2016

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 245 - 265
Government Notices ..... *245 - 265*

Avviżi tal-Pulizija ..... 265 - 266
Police Notices ..... *265 - 266*

Avviż lill-Baħħara 267
Notice to Mariners *267*

Opportunitajiet ta' Impieg 267
Employment Opportunities *267*

Avviżi tal-Gvern ..... 267 - 274
Notices ..... *267 - 274*

Offerti ..... 274 - 294
Tenders ..... *274 - 294*

Avviżi tal-Qorti ..... 294 - 320
Court Notices ..... *294 - 320*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 22

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons.), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Jannar, 2016, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 13 tat-8 ta' Jannar, 2016, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-13 ta' Jannar, 2016
(OPM/81/2013/IX)

Nru. 23

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru III tal-2016 imsejjaħ l-Att tal-2016 dwar il-Promozzjoni ta' Stili ta' Ħajja Sana u Kura ta' Mard li ma Jitteħidx.

Il-15 ta' Jannar, 2016

Nru. 24

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 138 imsejjaħ Att tal-2016 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*;

Abbozz ta' Liġi Nru 139 imsejjaħ Att tal-2016 dwar l-Istitut għal Studji Turistiċi; u

Abbozz ta' Liġi Nru 140 imsejjaħ Att tal-2016 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni.

Il-15 ta' Jannar, 2016

GOVERNMENT NOTICES

No. 22

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons.), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP, resumed duties as Prime Minister on Wednesday, 13th January, 2016, and that the arrangements made by Government Notice No. 13 of the 8th January, 2016, ceased to have effect accordingly.

13th January, 2016

No. 23

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. III of 2016 entitled the Healthy Lifestyle Promotion and Care of Non-Communicable Diseases Act, 2016.

15th January, 2016

No. 24

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 138 entitled the Accountancy Profession (Amendment) Act, 2016;

Bill No. 139 entitled the Institute of Tourism Studies Act, 2016; and

Bill No. 140 entitled the Education (Amendment) Act, 2016.

15th January 2016

Nru. 25

ĦATRA TAL-BORD TAL-FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' ĦARSIEN SOĊJALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru approva l-ħatra tal-Bord tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, kif ġej:

President
Is-Sur Joseph Gerada, FCIPD, MA (Mediation), IUKB Suisse, Dip. Applied Soc. Stud., MAAT, MIM

Membri
Is-Sur George Borg, MEd (SEN) (Aberdeen), BA (Educ), Dip.Ed (SEN)
Is-Sur Chris Briffa, CPA, ACCA IIT(Dip), MIA
Is-Sur Saviour Grima, BA (Hons) Theology and Human Studies
Is-Sur Nicholas Saliba, Dip. HRM
Is-Sur Matthew Vella, BA (Hons) Soc. Wrk., MA (Family Studies)

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-11 ta' Jannar, 2016.

Il-15 ta' Jannar, 2016

No. 25

APPOINTMENT FOR THE BOARD OF THE FOUNDATION FOR SOCIAL WELFARE SERVICES

IT is notified for general information that the Prime Minister has approved the appointment of the Board of the Foundation for Social Welfare Services, as follows:

President
Mr Joseph Gerada, FCIPD, MA (Mediation), IUKB Suisse, Dip. Applied Soc. Stud., MAAT, MIM

Members
Mr George Borg, MEd (SEN) (Aberdeen), BA (Educ), Dip.Ed (SEN)
Mr Chris Briffa, CPA, ACCA IIT(Dip), MIA
Mr Saviour Grima, BA (Hons) Theology and Human Studies
Mr Nicholas Saliba, Dip. HRM
Mr Matthew Vella, BA (Hons) Soc. Wrk., MA (Family Studies)

These appointments are for a period of one year with effect from 11th January, 2016.

15th January, 2016

Nru. 26

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ħatra tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 21 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, approvat il-ħatra tal-persuni hawn taħt imsemmija fuq il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija għal perijodu ta' tliet snin b'seħħ mis-27 ta' Marzu, 2015, kif ġej:

Chairperson
Direttur Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (*ex officio*)

Membri
Is-Sur Jesmond Bonello
Is-Sur Chris Attard
Is-Sur Josef Bugeja
Is-Sur William Portelli
Is-Sa Isabella Debattista

No. 26

EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS ACT (CAP. 452)

Appointment of the Guarantee Fund Administration Board

IN exercise of the powers conferred by Article 21 of the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452) and for the purpose of this Act, the Minister for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties has appointed the Guarantee Fund Administration Board for a period of three years with effect from the 27th March, 2015:

Chairperson
Director, Industrial and Employment Relations (ex officio)

Members
Mr Jesmond Bonello
Mr Chris Attard
Mr Josef Bugeja
Mr William Portelli
Ms Isabella Debattista

Is-Sur Frank V. Farrugia
Is-Sur Joseph Farrugia
Is-Sa Abigail Psaila Mamo
Iċ-*Chairperson* tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (*ex officio*)
Is-Sur Alexander Debattista
Dr Ishmael Psaila
Dr Matthew Brincat (osservatur)
Is-Sur Victor Carachi (osservatur)

Il-15 ta' Jannar, 2016

Nru. 27

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ħatra tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi

NGĦARRFU b'din illi, skont is-setgħat mogħtija lilha b'Artikolu 3 (2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, ħatret il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi, għal perijodu ta' sena b'seħħ mill-15 ta' Lulju, 2015, kif ġej:

Chairperson
Prof. Edward Zammit

Deputat Chairperson
Direttur Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (*ex officio*)

Membri
Is-Sur Chris Attard
Is-Sur Jesmond Bonello
Is-Sur Josef Bugeja
Is-Sur William Portelli
Is-Sa Isabella Debattista
Is-Sur Frank V. Farrugia
Is-Sur Joseph Farrugia
Is-Sa Abigail Psaila Mamo
Dr Anthony Licari
Is-Sur Michael Sant
Is-Sa Doris Pace Grima
Is-Sur Victor Carachi (osservatur)
Dr Matthew Brincat (osservatur)

Segretarju
Is-Sur Ivan Scicluna

Il-15 ta' Jannar, 2016

Mr Frank V. Farrugia
Mr Joseph Farrugia
Ms Abigail Psaila Mamo
Chairperson of the Employment and Training Corporation (*ex officio*)
Mr Alexander Debattista
Dr Ishmael Psaila
Dr Matthew Brincat (observer)
Mr Victor Carachi (observer)

15th January, 2016

No. 27

EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS ACT (CAP. 452)

Appointment of Employment Relations Board

IT is hereby notified that, in terms of the powers conferred by Article 3(2) of the Employment and Industrial Relations Act of 2002 (Cap. 452), the Minister for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties has appointed the Employment Relations Board for a period of one year with effect from 15th July, 2015, as follows:

Chairperson
Prof. Edward Zammit

Deputy Chairperson
Director, Industrial and Employment Relations (ex officio)

Members
Mr Chris Attard
Mr Jesmond Bonello
Mr Josef Bugeja
Mr William Portelli
Ms Isabella Debattista
Mr Frank V. Farrugia
Mr Joseph Farrugia
Ms Abigail Psaila Mamo
Dr Anthony Licari
Mr Michael Sant
Ms Doris Pace Grima
Mr Victor Carachi (observer)
Dr Matthew Brincat (observer)

Secretary
Mr Ivan Scicluna

15th January, 2016

Nru. 28

ATT DWAR L-AWTORITA GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Ħatra tal-Bord tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili ħatret lil Dr Stephen Montfort bħala membru fuq il-Bord dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Din il-kariga tibqa' fis-seħħ sal-5 ta' Awwissu, 2017.

Il-15 ta' Jannar, 2016

No. 28

OCCUPATIONAL HEALTH AND SAFETY AUTHORITY ACT (CAP. 424)

Appointment of the Occupational Health and Safety Authority Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by article 8 of the Occupational Health and Safety Authority Act, the Minister for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties has appointed Dr Stephen Montfort as member on the Occupational Health and Safety Authority Board. This appointment is valid until 5th August, 2017.

15th January, 2016

Nru. 29

ĦATRA TA' AĠENT KUMMISSJONARJU ELETTORALI PRINĊIPALI

IS-SEGRETARJU Permanenti Ewlieni approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr Vincent Borg	Kummissjonarju Elettorali Prinċipali *Chief Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	18-20.01.2016

15 ta' Jannar, 2016

No. 29

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

THE Principal Permanent Secretary has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr Vincent Borg	Kummissjonarju Elettorali Prinċipali *Chief Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	18-20.01.2016

15th January, 2016

Nru. 30

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

Ħatra ta' Lista ta' Tobba

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija lilu bl-Artikolu 106 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali għoġbu jaħtar it-tobba li jidhru hawn taħt biex ikunu membri tal-Lista ta' Tobba għall-finijiet speċifikati tal-imsemmi Att.

Dr Nazzareno Azzopardi, MD, DA, FFARCS, Dip. Rel. Stud.
Dr Doreen Cassar, Dip. PC & GP (Ulster), Dip. WH (ICGP), MD, MMCFD
Dr Joseph Cassar Delia, MD
Dr Hector Cutajar, MD

No. 30

SOCIAL SECURITY ACT (CAP. 318)

Appointment of Medical Panel

IN exercise of the powers vested in him by Article 106 of the Social Security Act, the Minister for the Family and Social Solidarity is pleased to appoint the Medical Officers shown hereunder to be members on the Panel of Medical Practitioners for the purposes of the said Act.

Dr Nazzareno Azzopardi, MD, DA, FFARCS, Dip. Rel. Stud.
Dr Doreen Cassar, Dip. PC & GP (Ulster), Dip. WH (ICGP), MD, MMCFD
Dr Joseph Cassar Delia, MD
Dr Hector Cutajar, MD

Dr Alan Ellul, MD, MSc (Zag)
Dr John Mary Farrugia, MD, MRCP (UK), DCH (London), MSc
Dr Victoria Farrugia Sant'Angelo, MD
Dr Peter Fenech, DPH (L'Pool), MD
Dr Taygeta Firman, MD
Dr Raymond Galea, MD, MRCOG, FRCOG, PhD
Dr Robert Galea, MD
Dr Anthony Livori, MD, Dip. Fam. Prac. (MCFD)
Dr Alexander Magri, MD, USMLE, MMCFD
Dr Vincent Moran, MD
Dr Victor Muscat, MD, FRCR, DMRT (Lon.)
Dr Joseph G. Pace, MD, LRCP (Lond.), MRCS (Eng.)
Dr Espedito Rapa, MD, MMCFD
Mr Carmel Sciberras, MD, FRCS (Glas.)
Dr Maria Dolores Soler, MD, MRCP (UK)
Dr Bernardette Spiteri, MD, MRCPCH (UK), MSc. (Lond.)
Dr Charles Spiteri, MD
Dr Joseph Spiteri, MD, MRC Psych.
Dr Zaid Teebi, MD

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-11 ta' Jannar, 2016.

Il-15 ta' Jannar, 2016

Nru. 31

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
A detailed justification is presented below:

Dr Alan Ellul, MD, MSc (Zag)
Dr John Mary Farrugia, MD, MRCP (UK), DCH (London), MSc
Dr Victoria Farrugia Sant'Angelo, MD
Dr Peter Fenech, DPH (L'Pool), MD
Dr Taygeta Firman, MD
Dr Raymond Galea, MD, MRCOG, FRCOG, PhD
Dr Robert Galea, MD
Dr Anthony Livori, MD, Dip. Fam. Prac. (MCFD)
Dr Alexander Magri, MD, USMLE, MMCFD
Dr Vincent Moran, MD
Dr Victor Muscat, MD, FRCR, DMRT (Lon.)
Dr Joseph G. Pace, MD, LRCP (Lond.), MRCS (Eng.)
Dr Espedito Rapa, MD, MMCFD
Mr Carmel Sciberras, MD, FRCS (Glas.)
Dr Maria Dolores Soler, MD, MRCP (UK)
Dr Bernardette Spiteri, MD, MRCPCH (UK), MSc. (Lond.)
Dr Charles Spiteri, MD
Dr Joseph Spiteri, MD, MRC Psych.
Dr Zaid Teebi, MD

These appointments are for a period of one year with effect from 11th January, 2016.

15th January, 2016

No. 31

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Numru ta' Riferenza: TRK 159655 [EA00034/15]
Post: Sit taħt il-baħar, f'Anchor Bay, Il-Bajja tal-Ankra, Il-Mellieħa, Malta
Proposta: Proposta għal skultura taħt il-baħar għal sit għall-għads

Reference Number: TRK159655 [EA00034/15]
Location: Underwater site at Anchor Bay, Il-Bajja tal-Ankra, Il-Mellieħa, Malta
Proposal: Proposed underwater sculpture for dive site

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-13 ta' Awwissu, 2015, u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-30 ta' Ottubru, 2015.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on 13th August, 2015, and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 30th October 2015.

Impatt Potenzjali *Potential Impacts*	Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ. *Remarks on mitigation measures, etc.*
Impatti fuq riżorsi naturali	L-ebda impatt sinifikanti fuq ir-riżorsi naturali huwa previst, peress li l-i*stainless steel* hu kkunsidrat bħala materjal inert li jista' jintuża għall-kostruzzjoni ta' sikek artifiċjali skont il-linji gwida tal-OSPA fuq is-sikek artifiċjali tal-2009.
Impacts on natural resources	*No significant impacts on natural resources are envisaged, given that stainless steel is considered to be an inert material that may be utilised for the construction of artificial reefs in accordance with the OSPAR Guidelines on Artificial Reefs, 2009.*
Impatt fuq l-ekoloġija	L-ebda impatt sinifikanti mhu previst fuq l-ekoloġija minħabba li ma hemm l-ebda postijiet ekoloġikament sensittivi jew speċi ta' flora u fawna li jinstabu viċin il-post propost.
Impacts on ecology	*No significant impacts on ecology are envisaged given that no ecologically sensitive locations or species of flora or fauna are found in close proximity to the proposed location.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Il-15 ta' Jannar, 2015

15th January, 2015

Nru. 32

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi ai termini tal-Artiklu 19 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Kap. 55) u b'Digriet maħruġ mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nhar it-8 ta' Jannar, 2016, in-Nutar Prinċipali tal-Gvern ġie maħtur bħala konservatur tal-Atti kollha oriġinali, inklużi testmenti pubbliċi tan-Nutar Dottor Pierre Falzon li rrinunzja għall-*warrant* ta' Nutar Pubbliku, b'effett mill-20 ta' Ottubru, 2015.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Nutar Prinċipali tal-Gvern

Il-15 ta' Jannar, 2016

No. 32

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that in virtue of Article 19 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act (Cap. 55) and by Decree issued on the 8th January, 2016 by the Court of Revision of Notarial Acts, the Chief Notary to Government has been appointed as keeper of all original deeds, including public wills of Notary Doctor Pierre Falzon who renounced his warrant of Notary Public, with effect from the 20th October, 2015.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Chief Notary to Government

15th January, 2016

Nru. 33

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U L-INFASTRUTTURA

Għotjiet mill-Gvern għal Xiri ta' Vetturi li Jaħdmu bl-Elettriku għal Individwi Privati, Negozji u Organizzazzjonijiet mhux Governattivi

Il-Ministeru għat-Trasport u l-Infastruttura, flimkien ma' Awtorità għat Trasport f' Malta (Transport Malta), għal darb' oħra qed jerġa' jniedi numru ta' inċentivi f'forma ta' għotjiet finanzjarji indirizzati lill-individwi privati, lill-komunità kummerċjali u lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi reġistrati, għal xiri ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku biex jiġi inċentivat ix-xiri ta' vetturi fil-Kategorija M1 u N1 li jaħdmu bl-elettriku u kwadriċikletti li jaħdmu bl-elettriku, bil-ħsieb li jonqos l-għadd ta' vetturi qodma mill-użu fit-toroq.

L-iskema (li hija soġġetta għal diversi kundizzjonijiet) hija kif ġej:

(i) Għal individwi privati, l-għotja se tammonta għal:

a) €4,000 fir-rigward ta' persuni li jirreġistraw vettura ġdida jew użata fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku;

b) €7,000 fir-rigward ta' persuni li jirreġistraw vettura ġdida fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku u fl-istess waqt ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura fil-Kategorija M1 jew N1 oħra li jkollha għall-anqas 10 snin mis-sena tal-manifattura;

(c) €2,000 fir-rigward ta' persuni li jirreġistraw kwadriċikletta ġdida jew użata li taħdem bl-elettriku.

(ii) Għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-għotja se tammonta għal:

a) €4,000 fir-rigward ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jirreġistraw vettura ġdida jew użata fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku;

b) €7,000 fir-rigward ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jirreġistraw vettura ġdida fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku u fl-istess waqt ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura fil-Kategorija M1 jew N1 oħra li jkollha għall-anqas 10 snin mis-sena tal-manifattura;

(c) €2,000 fir-rigward ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jirreġistraw kwadriċikletta ġdida jew użata li taħdem bl-elettriku.

No. 33

MINISTRY FOR TRANSPORT AND INFRASTRUCTURE

Government Grant on the Purchase of Electric Vehicles for Private Individuals, the Business Community and NGOs

The Ministry for Transport and Infrastructure in conjunction with the Authority for Transport in Malta (Transport Malta) is once again offering a number of incentives in the forms of financial grants to private individuals, the business community and registered Non-Government Organisations (NGOs) for the purchase of Battery Electric Vehicles to incentivise the purchase of electric Category M1 and N1 vehicles and electric quadricycles whilst at the same time reducing the number of old motor vehicles from the road.

The scheme (subject to various conditions) is as follows:

(i) For private individuals, the grant will amount to:

a) €4,000 to private individuals registering a new or used electric Category M1 or N1 vehicle;

b) €7,000 to private individuals registering a new electric Category M1 or N1 vehicle and de-registering another Category M1 or N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture;

c) €2,000 to private individuals registering a new or used electric quadricycle.

(ii) For non-government organisations, the grant will amount to:

a) €4,000 to NGO's registering a new or used electric Category M1 or N1 vehicle;

b) €7,000 to NGO's registering a new electric Category M1 or N1 vehicle and de-registering another Category M1 or N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture;

c) €2,000 to NGO's registering a new or used electric quadricycle.

(iii) Għall-komunità kummerċjali, l-għotja se tammonta għal €14,000 jew taħlita ta' vetturi kif ġej:

a) €4,000 fir-rigward tan-negozji li jirreġistraw vettura ġdida jew użata fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku;

b) €7,000 fir-rigward tan-negozji li jirreġistraw vettura ġdida fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku u fl-istess waqt ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura fil-Kategorija M1 jew N1 oħra li jkollha għall-anqas 10 snin mis-sena tal-manifattura;

(c) €2,000 fir-rigward tan-negozji li jirreġistraw kwadriċikletta ġdida jew użata li taħdem bl-elettriku.

L-iskema għandha titqies li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2016, u hija fuq bażi tal-ewwel jinqeda l-ewwel. L-iskema tibqa' miftuħa sakemm jiġi eżawrit il-baġit allokat għaliha.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-finijiet ta' din l-iskema, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

'applikant' tfisser l-individwu privat, persuna reġistrata li taħdem għal rasha, kumpanija registrata u organizzazzjoni mhux governattiva li tkun qiegħda tapplika għall-għotja taħt din l-iskema, u li, filwaqt li tkun persuna li hi residenti Malta, tkun ix-xerrej ta' vettura fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku jew kwadriċikletta li taħdem bl-elettriku kif imfissra hawn taħt;

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għal għotja taħt din l-iskema;

'l-Awtorità' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta stabbilita taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499);

'bejjiegħ' tfisser aġent jew negozjant kif imfisser taħt din l-iskema;

'ċertifikat ta' konformità tfisser id-dokument stabbilit fl-Anness IX tad-Direttiva 2007/46/KE, maħruġ mill-manifattur u li jiċċertifika li vettura li tappartjeni għas-serje tat-tip approvat skont dik id-Direttiva tikkonforma mal-atti regolatorji kollha fil-mument tal-produzzjoni tagħha;

(iii) For the business community, the grant will amount to a total of €14,000 which can be availed with a mix and match of vehicles as follows :

a) €4,000 to businesses registering a new or used electric Category M1 or N1 vehicle;

b) €7,000 to businesses registering a new electric Category M1 or N1 vehicle and de-registering another Category M1 or N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture;

c) €2,000 to businesses registering a new or used electric quadricycle.

The scheme is deemed to have come into effect on the 1st January, 2016, and is on a first come first serve basis. The scheme shall remain open until the allocated budget is exhausted.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of the scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means the individual person, company or NGO applying for the grant under this scheme and who, apart from being a person residing in Malta, is the purchaser of an electric Category M1 or N1 vehicle or of an electric quadricycle as defined hereunder;

'application' means the application made for a grant under this scheme;

'Authority' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499);

'seller' means an agent or dealer as defined under this scheme;

'certificate of conformity' means the document set out in Annex IX of Directive 2007/46/EC, issued by the manufacturer and certifying that a vehicle belonging to the series of the type approved in accordance with that Directive complies with all regulatory acts at the time of its production;

'ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura' tfisser iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vettura maħruġ mill-Awtorità li jiċċertifika li l-vettura bil-mutur hija reġistrata;

'vehicle registration certificate' means the vehicle registration certificate issued by the Authority providing proof of registration of the motor vehicle.

'faċilità ta' trattament awtorizzata' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (LS 368.02);

'authorised treatment facility' has the same meaning as assigned to it in the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations (SL368.02);

'għotja' tfisser l-għotja li qiegħda tingħata taħt din l-iskema lix-xerrej ta' vettura li tkun tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 4 (ii);

'grant' means the grant being given under this scheme to the purchaser of a motor vehicle which satisfies the requirements of paragraph 4 (ii);

'kumpanija reġistrata' tfisser kull kumpanija kummerċjali reġistrata f'Malta mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji;

'registered company' means any commercial company registered in Malta with the Malta Financial Services Authority;

'kwadriċikletta li taħdem bl-elettriku' tfisser vettura tal-kategorija L7e kif imfissra fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/24/KE li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tliet roti, kif emendata; il-kwadriċikletta għandu jkollha karatteristiċi ta' sigurtà inkluż iċ-ċintorin tas-sigurtà, tista' tgħabbi żewġ persuni (kompriż is-sewwieq) u tista' tintuża għas-sewqan fit-triq;

'electric quadricycle' means a Category L7e vehicle as defined in Article 1 of Directive 2002/24/EC relating to the type-approval of two or three-wheel motor vehicles, as amended; the quadricycle needs to have safety features including seat belts, be a two passenger vehicle (including driver and can be used on the road;

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

'Malta' means the islands of Malta;

'Ministru' tfisser il-Ministru reponsabbli għat-trasport;

'Minister' means the Minister responsible for transport;

'negozjant' jew 'aġent' tfisser persuna jew entità awtorizzata biex timporta, tbigħ jew tixtri vetturi bil-mutur;

'dealer' or 'agent' means a person or entity authorised to import, sell or buy motor vehicles;

'negozji' tfisser kull kumpanija kummerċjali, kompriżi soċjetajiet bi sħubija, reġistrata f'Malta mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji jew persuna li taħdem għal rasha skont il-liġi nazzjonali jew kooperattiva;

'businesses' means any commercial company including partnerships registered in Malta with the Malta Financial Services Authority or a self-employed person in accordance to National Law or a cooperative society;

'organizzazzjoni mhux governattiva' tfisser kull organizzazzjoni mhux governattiva li hija reġistrata uffiċjalment mal-Kunsill Malti għas-Servizzi Volontarji;

'non-Government organisation' means any Non-Government Organisation (NGO) officially registered with the Malta Council for Voluntary Services;

'persuna' tfisser persuna fiżika;

'private individuals' means a natural person;

'persuna reġistrata li taħdem għal rasha' tfisser, għall-fini ta' din l-iskema, kull persuna li toqgħod f'Malta u li hija reġistrata mal-Korporazzjoni għax-Xogħol, mad-Dipartiment tat-Taxxa u mad-Dipartiment tal-VAT u li għandha liċenzja ta' kummerċ mid-Dipartiment tal-Kummerċ;

'registered self employed' means, for the purpose of this scheme, any person who resides in Malta and is registered with the Employment Corporation, the Inland Revenue Department, the Value Added Tax Department and have a trade licence from the Trade Department

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258) jew li jkollha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;

'person residing in Malta' means a natural person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap. 258) or who has a residence permit or a letter issued from the expatriate office at the Ministry of Foreign Affairs;

'sid reġistrat' tfisser il-persuna jew l-impriża li f'isimha vettura tkun ġiet reġistrata mill-Awtorità;

'registered owner' means the person or undertaking in whose name a motor vehicle is registered by the Authority;

'Stat Membru' tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

'Member State' means a Member State of the European Union;

'taxxa ta' reġistrazzjoni' tfisser it-taxxa ta' reġistrazzjoni mitluba u miġbura skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368);

'registration tax' means the registration tax charged and levied in terms of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act under the laws of Malta (Cap. 368);

'tneħħija mir-reġistrazzjoni' tfisser, għall-fini ta' din l-iskema, it-tneħħija permanenti ta' vettura bil-mutur mir-reġistrazzjoni tagħha ma' Transport Malta u wara, dik il-vettura ma għandha qatt terġa' tiġi reġistrata biex tintuża fit-triq f'Malta;

'de-registered' means, for the purpose of this scheme, the permanent removal of a motor vehicle from its registration with Transport Malta and thereafter, that motor vehicle shall never be registered again to be used on the road in Malta;

'Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (KAP. 460), u tinkludi n-Norveġja, l-Iżlanda u Liechtenstein;

'European Union' has the same meaning as is assigned to it by article 2 of the European Union Act (Cap. 460), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein;

'vettura li taħdem bl-elettriku' tfisser vettura fil-Kategorija M1 jew N1 li tħadem b'mutur jew aktar li jaħdem b'enerġija elettrika maħżuna f'batteriji; vettura li taħdem bl-elettriku *range extender* tfisser vettura li jkollha magna *range extender* li tiċċarġja l-batterija sabiex ittawwal l-awtonomija tal-magna. Il-magna *range extender* taħdem biss meta l-livell tal-batterija jaqa' f'punt speċifiku, u għalhekk taġixxi bħala ġeneratur sabiex tipproduċi l-elettriku, u b'hekk testendi d-distanza vjaġġ normali ta' vettura li taħdem bl-elettriku iżda għall-fini tal-għotja, ir-REEV jista' jkollu awtonomija garantita fuq batterija ta' għall-anqas 80 km fuq *charge* purament elettriku qabel ma r-*range extender* jibda jaħdem b'mod awtomatiku bħala sapport wara li l-batterija tinħela. Il-vetturi kollha m'għandhomx ikunu itwal minn 5,000 mm kif ċertifikati fiċ-ċertifikat ta' konformità;

'electric vehicle' means a Category M1 or N1 vehicle fully powered by one or more electric motors using electrical energy stored in batteries; a range extender electric vehicle means a vehicle having a range extender engine which recharges the battery to prolong the autonomy of the engine. The range extender engine will only be engaged when the battery level drops at a specific point, thus acting as a generator to produce electricity, thus extending the normal range of the electric vehicle provided that for the purpose of the grant, the REEV can have a guaranteed autonomy on a battery of a minimum of 80 km on pure electric charge before the range extender is automatically engaged as a back-up after the battery runs out. All vehicles should not be longer than 5,000 mm as certified in the conformity certificate;

'vettura li tneħħiet mir-reġistrazzjoni' tfisser vettura fil-Kategorija M1 jew N1 bil-mutur li tneħħietilha r-reġistrazzjoni;

'de-registered vehicle' means a Category M1 or N1 vehicle which has been de-registered;

'vettura fil-Kategorija M1' għall-iskop ta' din l-iskema, tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' passiġġieri, li tista' ġġorr mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq;

'Category M1 vehicle' means, for the purposes of this scheme, a motor vehicle used for the carriage of persons and which may carry no more than eight passengers in addition to the driver;

'vettura fil-Kategorija M1 li taħdem bl-elettriku' tfisser vettura li taħdem b'mutur tal-elettriku flimkien ma' batterija użata għall-ġarr ta' passiġġieri, li tista' ġġorr mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq;

'Category M1 electric vehicle' means an electric vehicle using electrical energy and used for the carriage of persons and which may carry no more than eight passengers in addition to the driver;

'vettura fil-Kategorija N1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li l-ogħla massa tagħha ma tkunx aktar minn 3.5 tunnellati;

'Category N1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding 3.5 tonnes;

'vettura użata' fisser vettura bil-mutur li tkun diġà reġistrata;

'vettura fil-Kategorija N1 li taħdem bl-elettriku' tfisser vettura li taħdem b'mutur tal-elettriku flimkien ma batterija użata għall-ġarr tal-merkanzija u li l-ogħla massa tagħha ma tkunx aktar minn 3.5 tunnellati;

'vettura li taħdem bl-elettriku użata' tfisser vettura li taħdem bl-elettriku li tkun diġà rreġistrata f'pajjiż ieħor u li iżda ma jkollhiex aktar minn 24 xahar minn meta ġiet reġistrata ghall-ewwel darba fuq it-triq u li ma jkollhiex aktar minn 12,000 km fuq l-arloġġ.

'xerrej' tfisser persuna, persuna tan-negozju jew organizzazzjoni mhux governattiva li tkun qiegħda tixtri l-vettura minn pajjiż ieħor jew mingħand l-aġent jew negozjant, u dik il-vettura tiġi reġistrata f'isimha u li tkun il-persuna li tapplika għall-għotja taħt din l-iskema.

2. Għal min tapplika l-iskema

2.1 L-iskema għal għotja fuq ix-xiri ta' vettura kif definit, li taħdem bl-elettriku jew kwadriċikletta li taħdem bl-elettriku tapplika għal kull persuna residenti f'Malta, u wkoll għal impriżi kummerċjali u organizzazzjonijiet mhux governattivi registrati jekk dik il-persuna jew entità tapplika għal għotja ta' €7,000, dik il-persuna jew entità tkun is-sid reġistrat ta' vettura M1 jew N1 li għandha mill-anqas 10 snin mis-sena tal-manifattura, sakemm dik il-vettura tibqa' hekk reġistrata jew garaxxjata jew bil-liċenzja sad-data tal-applikazzjoni għall-għotja, u li titneħħa mir-reġistrazzjoni fil-ħin li tiġi reġistrata l-vettura li taħdem bl-elettriku.

2.2. L-iskema, soġġetta għal diversi kundizzjonijiet imsemmija f'din in-Notifikazzjoni, tikkonsisti f'għotja kif ġej:

Fir-rigward ta' individwu privat:

a) €4,000 fir-rigward ta' individwu privat li jirreġistra vettura ġdida jew użata fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku;

b) €7,000 fir-rigward ta' individwu privat li jirreġistra vettura ġdida fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku u fl-istess waqt ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura M1 jew N1 oħra li jkollha għall-anqas 10 snin mis-sena tal-manifattura;

c) €2,000 fir-rigward ta' individwu privat li jirreġistra kwadriċikletta ġdida jew użata li taħdem bl-elettriku.

Fir-rigward ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi:

a) €4,000 fir-rigward ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jirreġistraw vettura ġdid jew użata fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku;

'used motor vehicle' means a motor vehicle that has to be registered;

'Category N1 electric vehicle' means a electric vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding 3.5 tonnes;

'Used electric vehicle' means a used electric vehicle registered in another country and having not more than 24 months from date of first registration and not more than 12,000 km on the odometer.

'purchaser' means a person, business person or a non-government organization buying the vehicle from another country or from the local agent or dealer, having that vehicle registered in his name and being the applicant for the grant under this scheme;

2. Area of applicability

2.1 The scheme for a grant for the purchase of an electric car or electric quadricycle applies to any person residing in Malta, as well as commercial undertakings and non-government organisations (both registered in Malta) and if that private individual or entity is applying for the €7,000 grant, that private individual or entity shall be the registered owner of an M1 or an N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture, provided that such vehicle shall continue to be so registered, garaged or licensed until the date of application for the grant, and is de-registered at the time of the registration of the electric vehicle.

2.2. The scheme, subject to various conditions referred to in this Notice, consists of a grant as follows:

For private individual:

a) €4,000 to a private individual registering a new or used electric Category M1 or N1 vehicle;

b) €7,000 to a private individual registering a new electric Category M1 or N1 vehicle and de-registering another Category M1 or N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture;

c) €2,000 to a private individual registering a new or used electric quadricycle.

For non-government organisations:

a) €4,000 to NGO's registering a new or used electric Category M1 or N1 vehicle;

b) €7,000 fir-rigward ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jirreġistraw vettura ġdida fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku u fl-istess waqt ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura fil-Kategorija M1 jew N1 oħra li jkollha għall-anqas 10 snin mis-sena tal-manifattura;

(c) €2,000 fir-rigward ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jirreġistraw kwadriċikletta ġdida jew użata li taħdem bl-elettriku.

Fir-rigward ta' negozji:

a) €4,000 fir-rigward tan-negozji li jirreġistraw vettura ġdida jew użata fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku;

b) €7,000 fir-rigward tan-negozji li jirreġistraw vettura ġdida fil-Kategorija M1 jew N1 li taħdem bl-elettriku u fl-istess waqt ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura M1 jew N1 oħra li jkollha għall-anqas 10 snin mis-sena tal-manifattura;

(c) €2,000 fir-rigward tan-negozji li jirreġistraw kwadriċikletta ġdida jew użata li taħdem bl-elettriku.

Kull individwu privat u organizzazzjoni mhux governattiva tkun intitolata tixtri vettura waħda taħt din l-iskema.

Min-naħa l-oħra, kumpanija reġistrata, soċjetà bi sħubija, kooperattiva jew persuna reġistrata li taħdem għal rasha kif imfissra f'din in-Notifikazzjoni tal-Gvern tkun intitolata għal għotja massima ta' €14,000, li tista' tkopri taħlita ta' tipi differenti ta' vetturi kif imfisser f'din in-Notifikazzjoni.

Eżempju, kumpanija tista' tressaq applikazzjoni li tkopri total ta' seba' kwadriċikletti b'għotja totali ta' €14,000 jew taħlita ta' vetturi fil-Kategorija M1, N1 u L7e sakemm l-għotja totali ma tkunx aktar minn €14,000.

Individwi privati li diġà bbenifikaw minn skemi simili għal din l-iskema fil-passat għal xiri ta vetturi elettriċi f'dawn l-aħħar tliet snin mhumiex eliġibbli biex japplikaw taħt din l-iskema.

Negozji u organizzazzjonijiet mhux governattivi li diġa bbenefikaw minn skemi simili għal din l-iskema fil-passat għal xiri ta vetturi elettriċi jistgħu jerġgħu japplikaw sakemm jibqgħu fil-limitu tar-regolamenti dwar Għajnuniet mill-Istat *(State Aid Regulations)*.

b) €7,000 to NGO's registering a new electric Category M1 or N1 vehicle and de-registering another Category M1 or N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture;

c) €2,000 to NGO's registering a new or used electric quadricycle.

For businesses:

a) €4,000 to businesses registering a new or used electric Category M1 or N1 vehicle;

b) €7,000 to businesses registering a new electric Category M1 or N1 vehicle and de-registering another Category M1 or N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture;

c) €2,000 to businesses registering a new or used electric quadricycle.

Every private individual and NGO shall be entitled to the purchase of one vehicle/quadricycle under this scheme.

On the other hand, a registered company, partnership, cooperative society or a registered self-employed as defined in this Government Notice shall be entitled to a maximum grant of €14,000, which can be in the form of a combination of different types of vehicles as defined in this Notice.

Example, a company may apply for a total of seven quadricycles with a total grant of €14,000 or a mix of a Category M1, N1 and L7e vehicle as long as the total grant does not exceed €14,000.

Private individuals who availed themselves of previous grants specifically applicable for Electric vehicles in the last three years are NOT eligible to apply for this grant.

Private companies and registered self employed and NGOs who availed themselves of previous grants specifically applicable for Electric vehicles are eligible to apply for this grant, providing they are within the limits set under the applicable State Aid Regulations in place.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati

(i) Applikazzjoni għal għotja taħt din l-iskema għandha ssir jew mill-aġent/negozjant jew mix-xerrej wara l-ħruġ ta' fattura mill-aġent/negozjant lix-xerrej fil-formola stabbilita fl-iskeda li tinsab ma' din l-iskema u għandu jkun fiha dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġa fl-imsemmija formola u skont din l-iskema.

(ii) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom magħhom dawn id-dokumenti li ġejjin:

(a) kopja ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tal-applikant jew permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni;

(b) kopja taċ-ċertifikat ta' konformità, li jkun juri n-numru tax-*chassis* u t-tul tal-vettura fir-rigward biss ta' vetturi ġodda u kwadriċikletti ġodda;

(c) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni oriġinali u d-dokument tal-valutazzjoni oriġinali maħruġa mit-Taqsima Teknika tal-Awtorità fir-rigward ta' vetturi użati u kwadriċikletti użati;

(d) dokument ta' qerda maħruġ mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li jkun jiċċertifika li l-vettura li se tiġi skrappjata tkun ġiet meqruda fil-faċilità ta' trattament awtorizzata (din hija applikabbli jekk vettura oħra tkun se tiġi skrappjata);

(e) fir-rigward ta' kumpanija jew soċjetà bi sħubija, kopja vera attestata tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni jew ċertifikat tal-VAT;

(f) fir-rigward ta' persuna li taħdem għal rasha jew kooperattiva, kopja vera attestata taċ-ċertifikat tal-VAT;

(g) fir-rigward ta' organizzazzjoni mhux governattiva, kopja vera attestata ta' ċertifikat maħruġ mill-Kunsill Malti għas-Servizz Volontarju.

(iii) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti kollha relevanti, għandhom jiġu ppreżentati jew mibgħuta mill-aġent jew negozjant f'isem l-applikant lit-Taqsima tal-Liċenzjar ta' Vetturi, Hornworks Ditch, Il-Furjana, Sala Ċ, bejn is-7.30 a.m. u 3.00 p.m. fil-ġranet tax-xogħol, flimkien mad-dokumenti u ċertifikati relevanti l-oħra kollha meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-vettura, kompriża l-formola ta' applikazzjoni għal għajnuna mill-Istat.

3. Manner of application and supporting documents

(i) An application for a grant under this scheme shall be made either by the agent/dealer or by the purchaser following the issue of an invoice by the agent/dealer to the purchaser, in the form set out in the schedule to this scheme and shall contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications shall be accompanied by the following documents:

(a) copy of a legally valid identification document of the applicant or a residence permit or letter issued by the expatriate office;

(b) a copy of the Certificate of Conformity, detailing the chassis number and length of the vehicle in the case of new vehicles and new quadricycles only;

(c) the original registration certificate and the original valuation printout issued from the Authority's Technical Unit in the case of used vehicles and quadricycles;

(d) a destruction certificate issued by the approved destruction facility certifying that the vehicle which is being scrapped has been destructed in the approved destruction facility (applicable if another vehicle is being scrapped);

(e) in the case of a company or partnership, a certified true copy of the Articles of Association or VAT certificate;

(f) in the case of self-employed or a cooperative society, a certified true copy of the VAT certificate;

(g) in the case of an NGO, a certified true copy of certificate issued by the Malta Council for Voluntary Service.

(iii) Applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted/sent by the agent or dealer on behalf of the applicant to the Vehicle Licensing Unit, Hornworks Ditch, Floriana, Hall C, between 7.30 a.m. and 3.00pm during working days, together with all other relevant documents required for the registration of the vehicle, including the State aid application form.

4. Eliġibbiltà

(i) Sabiex ikun eliġibbli, applikant għandu jkun konformi jew mas-subtaqsima 2.1 jew mas-subtaqsima 2.2 tat-Taqsima 2.

(ii) Biex tikkwalifika għall-għotja ta' €4,000, il-vettura li taħdem bl-elettriku (vettura fil-Kategorija M1 li taħdem bl-elettriku jew vettura fil-Kategorija N1 li taħdem bl-elettriku):

(a) għandha tkun ġdida jew użata u ma jkollhiex aktar minn 24 xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni u mhux aktar minn 12,000 km fuq l-odometru;

(b) ma tkunx ġiet reġistrata f'Malta qabel l-1 ta' Jannar, 2016;

(c) ikollha liċenzja għal użu privat jew użu b'konnessjoni mal-għoti ta' servizzi volontarji jew attività ta' negozju;

(iii) Biex tikkwalifika għall-għotja ta' €2,000, il-kwadriċikletta li taħdem bl-elettriku:

a) għandha tkun ġdida jew użata u ma jridx ikollha aktar minn 24 xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tagħha u mhux aktar minn 12,000 km fuq l-odometru;

b) ma tridx tkun ġiet reġistrata mal-Awtorità qabel l-1 ta' Jannar, 2016;

Permezz tal-preżenti David Vella (KI 183568M) ta' 434, Dar l-Arloġġ tax-Xemx, Daħlet is-Sardinell, Santa Maria Estate, Mellieħa MLH 2340, filwaqt li jagħmel referenza għall-ittra uffiċjali tiegħu lilkom datati entrambi l-24 ta' Diċembru 2012 bir-referenza numru 4097/2012 u 4099/2012, lilkom debitament notifikati, iġib a konjizzjoni tagħkom ilkoll il-fatt li reċentement l-entitajiet konċernati qed isejħulu personalment biex jissalda l-kont għall-kera u konsum ta' eletrriku u ilma relattivi għall-fond bin-numru 33 (qabel 103A u 103), fi Triq San Bastjan ġewwa Ħal Qormi. Bħala evidenza ta' dan qed tiġi annessa ittra maħruga minn ARMS Limited datata 23 ta' Jannar 2015 (ref: 0100006298) u mmarkata bħala Dok A.

Illi kif tafu tajjeb, l-imsemmi fond ġewwa Ħal Qormi kien, għal xi żmien qasir, mikri minn Allmart Limited (inkwilin) mingħand Sebastian Muscat (lokatur). Illi tali kirja ġiet terminata fis-16 ta' Novembru 2006. Minn tali data l-fond indikat ma baqax jintuża, la mill-kumpannija Allmart Limited u wisq inqas mill-mittenti (li fil-fatt qatt ma ntuża minnu). Cio nonostante dan, baqa' jiġi reġistrat utilizz tas-servizzi relattivi u tali pendenzi qed jiġu pretizi mill-mittenti in personam.

Għalkemm diversi drabi avviċinati, bil-fomm, b'ittri legali u oħrajn uffiċjali da parti tal-mittenti, qatt ma ħadtu passi biex is-sitwazzjoni tiġi rettifikata.

Din l-omissjoni tagħkom wasslet għall-fatt li nhar it-Tnejn 16 ta' Frar 2015, uffiċjali ta', inter alia, ARMS Limited marru fir-residenza privata tal-mittenti sabiex jaqtgħu u jwaqqfu l-provvista ta' elettriku u ilma tal-mittenti in personam u dan għaliex il-pendenza fuq il-fond ġewwa Ħal Qormi baqgħet ma ġietx saldata minn min kien fid-dover, ossia intom lkoll jew min minnkom.

Il-mittenti biex jiskansa tali miżura drastika ta' qtugħ u/jew waqfien tal-provvista ta' servizzi, ma kellux alternattiva oħra ħlief li jħallas, "under protest" is-somma ta' €3,000 akkont minn ammont akbar li llum il-ġurnata jissupera l-€10,400, hekk kif indikat fl-anness Dok A.

Illi minħabba li intom, jew min minnkom, ma ħadtu l-ebda inizjattiva f'dan ir-rigward, u addirittura ma wrejtu l-ebda volontà u saħansitra, l-ebda bona fidi biex is-sitwazzjoni tiġi indirizzata u radrizzata, l-mittenti se jkun kostrett iħallas (dejjem "under protest") lill-entitajiet dejn li hu tagħkom jew ta' min minnkom u dan ħalli l-ammont ma jibqax jinkrimenta għad-dannu u detriment tiegħu personali.

Il-mittenti, filwaqt li jżommok responsabbli għal dak hawn fuq deskritt u għad-danni kollha li hu qed u li se

5. Juanita Zammit (ID 27063M) personally and on behalf of Allmart Limited of La Cueva, Triq il-Ġiżimin, Swieqi.

By the present David Vella (ID 183568M) of 434, Dar l-Arloġġ tax-Xemx, Daħlet is-Sardinell, Santa Maria Esate, Mellieħa, MLH 2340, whilst making reference to his judicial letters sent to you dated both the 24th December 2012 with reference number 4097/2012 and 4099/2012, duly notified to you, brings to your formal attention the fact that recently the concerned entities are calling him personally to settle the rent and the bill for the consumption of electricity and water relative to the premises number 33 (previously 103A and 103), in Triq San Bastjan, in Ħal Qormi. As evidence of this a letter issued by ARMS Limited dated 23rd January 2015 (ref: 01000006298) is being attached and marked as Doc A.

As you are well aware, the said premises in Ħal Qormi, were for a short time rented to Allmart Limited (lessee) from Sebastian Muscat (lessor). That this lease was terminated on the 16th November 2006. From this date onwards the premises was not used, neither by Allmart Limited and nor by the interpellant (and in fact never used by him). Notwithstanding this, he continued to be registered as the use of the relative services and such dues are being claimed from the interpellant personally.

Although you were approached verbally, through legal letters and judicial letters on several occasions by the interpellant, you never took any action for the situation to be rectified.

This ommission led to the fact that on Monday 16th February 2015, officials of inter alia, ARMS Limited, went to the interpellants' private residence to terminate the electricity and water services of the interpellant personally and this because the claim on the premises in Ħal Qormi was not settled by who was duly bound, that is by you or any one of you.

The interpellant, to avoid such drastic measure of the termination of the provision of the service did not have any other alternative but to pay 'under protest' the sum of €3000 balance from a greater amount that today exceeds €10, 400, as shown in the attached document marked as Doc A;

Because you, or either of you did not take any initiative in this regard, and outrightly, you did not show any willingness, and even no good faith to address and rectify the situation, the interpellant will have to pay (always 'under protest') to the entities requesting payment of a debt which is yours or of any one of you and this payment is being dan so that the damages which he is suffering are limited.

The interpellant, whilst holding you responsible for that above mentioned and for all the damages that he is and will

jsofri, jirriżerva minn issa li jieħu l-passi kollha opportuni fil-konfront tagħkom, jew min minnkom, biex jirreklama r-rifużjoni ta' kwalsijasi somma, inklużi l-imgħaxijiet relattivi, li ġie kostrett iħallas u/jew li għad irid jiġi kostrett iħallas lill-entitajiet konċernati, biex jissalvagwardja l-interssi tiegħu bħala konsegwenza tal-inadempjenzi, l-mala fede u l-passività tagħkom, jew ta' min minnkom, di fronti għal din is-sitwazzjoni li ilkom konxji tagħha.

Għaldaqstant, qed tiġu interpellati sabiex:

i) Tersqu għall-assunzjoni ta' responsabbiltà għal din is-sitwazzjoni;

ii) Konsegwentement, tersqu quddiem l-entitajiet konċernati sabiex tiġi riżolta din is-sitwazzjoni, billi tikkoperaw bi sħiħ mal-mittenti u mal-istess entitajiet kollha konċernati;

iii) Tirrifondu lill-mittenti kull ammont minnu żborsat minħabba l-inosservanzi tagħkom;

iv) Tħallsu lill-mittenti d-danni li hu ġarrab minħabba l-inosservanzi tagħkom, inkluż, iżda mhux biss, t-telf ta' interessi u godiment ta' flusu sabiex jiskansa l-fatt li seħħ nhar it-Tnejn 16 ta' Frar 2015 kif hawn fuq deskritt;

v) Tieħu l-miżuri kollha opportuni u meħtieġa biex l-mittenti jinħeles minn kull rabta u/jew obbligazzjoni mill-fond ġewwa Ħal Qormi relattiv għal din il-kwistjoni.

Kunu minn issa infurmati li fin-nuqqas li tagħmlu dan fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievu din l-ittra, l-mittenti se jipproċedi ġudizzjarjament kontra tagħkom, jew min minnkom.

Tant biex tagħrfu tirregolaw il-pożizzjoni tagħkom.

Bl-ispejjeż tal-preżenti.

Notifika:
Kummissarju tal-Pulizija
Arms Limited
Enemalta plc
Water Services Corporation

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 8 ta' Jannar 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

suffer, reserves from now to take all the necessary steps against you, or any one of you, to claim the refund of any sum, including the relative interest, that he was made to pay and/or that he is still being made to pay to the concerned entities, to safeguard his interest as a consequence of your defaults, bad faith and lack of action of either of you, when faced with this situation of which you were aware for a long time.

Thus you are being solicited to:

i) Come forward to assume the responsibilities of this situtation;

ii) Consequently, come forward before the concerned entities to resolve this situation, by fully co-operating with the interpellant and with the same concerned entities;

iii) To refund the interpellant all the amounts paid by him because of your lack of your compliance;

iv) Pay the interpellant the damages that he sustained because of your compliance, including, but not only, the loss of interest and enjoyment of his money in order to avoid the fact which occurred on Monday 16th February 2015 as mentioned above;

v) Take all the opportune and necessary measures so that the interpellant will be set free from any bond or/and obligation on the premises in Ħal Qormi relative to this issue.

Be from now informed that in default of doing so within five (5) days from the day when you receive this letter, the interpellant will proceed against you or either of you judicially

So much of your own guidance and to regulate your position.

With costs of this present.

Services:
Police Commissioner
ARMS Limited
Enemalta plc
Water Services Corporation

Registry of the Superior Courts today, 8th January 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

62

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Settembru 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C 22334) ta' Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, ippreżentaw Talba, fl-4 ta' Awwissu 2015, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Michelle Spiteri (KI 322272M) ta' 53, Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €729.42 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Numru 641/15VG) hija differita għat-22 ta' Jannar 2016 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 11 ta' Jannar 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal, of the 7th September 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334) of Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, filed a Claim, on the 4th August 2015, whereby they asked the Tribunal to condemn Michelle Spiteri (ID 322272M) of 53, Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk, to pay the plaintiff company the sum of €729.42 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 641/15VG) is deferred on the 22nd January 2016 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 11th January 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

63

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Ottubru 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C 22334) ta' Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, ippreżentaw Talba, fl-1 ta' Settembru 2015, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Philip Said (KI 781052M) ta' 38, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,260.88 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Numru 704/15VG) hija differita għat-22 ta' Jannar 2016 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 11 ta' Jannar 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal, of the 25th October 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334) of Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, filed a Claim, on the 1st September 2015, whereby they asked the Tribunal to condemn Philip Said (ID 781052M) of 38, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Siġġiewi, to pay the plaintiff company the sum of €1,260.88 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 704/15VG) is deferred on the 22nd January 2016 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 11th January 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

64

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Ottubru 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By a decree of the Small Claims Tribunal, of the 25th October 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334) ta' Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, ippreżentaw Talba, fl-1 ta' Settembru 2015, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Gregory Andrew Richard (KI 81251A) ta' Rivindel Crt, Flat 1, Triq l-Etna, Il-Mellieħa, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €674.60 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Go plc (C 22334) of Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, filed a Claim, on the 1st September 2015, whereby they asked the Tribunal to condemn Gregory Andrew Richard (ID 81251A) of Rivindel Crt, Flat 1, Triq l-Etna, Mellieħa, to pay the plaintiff company the sum of €674.60 which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

With costs and legal interests.

Il-kawża (Avviż Numru 716/15VG) hija differita għat-22 ta' Jannar 2016 fis-1.00 p.m.

The case (Claim Number 716/15VG) is deferred on the 22nd January 2016 at 1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' Jannar 2016.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 11th January 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

65

Bandu għall-Kuraturi

Bann for Curators

Repubblika ta' Malta

Republic of Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

To The Marshall of the Court

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fis-7 ta' Diċembru 2015, fuq talba ta' Paul Domancich et, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw il-werrieta mhux magħrufa ta' Maria Attard, Sidor Micallef, Carmelo Cachia, Michelina Cachia u Salvatore Micallef, fl-atti taċ-ċedola numru 1818/2015, fl-ismijiet Paul Domancich et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

By means of a decree by this Court, on 7th December 2015, following a request of Paul Domancich et, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent unknown heirs of Maria Attard, Sidor Micallef, Carmelo Cachia, Michelina Cachia and Salvatore Micallef, in the records of the schedule number 1818/2015, in the names Paul Domancich et vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u Kontestwali Fidi ta' Ċens ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Paul Domancich (KI 111446M) bin il-mejtin Andrea u Josephine née Gatt, imwieled l-Isla u residenti l-Kalkara u martu Carmen Domancich née Borg (KI 634648M) bint il-mejtin Spiridione u Marianna née Cauchi, imwielda l-Kalkara u residenti l-Kalkara għal kull interess li jista' jkollha vs Carmel sive Charles Farrugia (KI 151750M), Joseph Farrugia (KI 735652M), u Rafela mart Paul Debarro née Farrugia (KI 634148M), ilkoll aħwa Farrugia u eredi tal-ġenituri tagħhom Salvatore Farrugia u Maria née Zammit u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-werrieta mhux magħrufa ta' Maria Attard, Sidor Micallef, Carmelo Cachia,

By means of a Schedule of Deposit and Contextual Redemption of Groundrent filed in the First Hall Civil Court, in the names Paul Domancich (ID 111446M) son of the late Andrea and Josephine née Gatt, born in Senglea and residing in Kalkara and his wife Carmen Domancich née Borg (ID 634648M) daughter of the late Spiridione and Marianna née Cauchi, born in Kalkara and residing in Kalkara for any interest she may have vs Carmel sive Charles Farruguia (ID 151750M), Joseph Farrugia (ID 735652M), and Rafaela wife of Paul Debarro née Farrugia (ID 634148M), all siblings Farrugia and heirs of their parents Salvatore Farrugia and Maria née Zammit and Deputy Curators to represent the unknown heirs of Maria Attard, Sidor Micallef, Carmelo

Michelina Cachia u Salvatore Micallef, fl-4 ta Diċembru 2015, l-interpellanti Paul Domancich et esponew bir-rispett:

Illi permezz ta' żewġ kuntratti pubbliċi tas-26 ta' Novembru 1968 u 22 ta' Novembru 1969, rispettivament, it-tnejn in atti tan-Nutar Dr Carmelo Lia, l-interpellanti Paul Domancich akkwista mingħand Salvatore Farrugia, id-dar bla numru bl-isem 'Mary House' fi triq bla isem li toħroġ minn Via Kapuċċini, Il-Kalkara (illum 'Domancich House', 17, Triq il-Ġir, Il-Kalkara) bl-arja tagħha u l-garage kontigwu mal-istess dar fl-istess triq, Il-Kalkara, konfinanti din id-dar u garage mil-Lbiċ ma' beni ta' Salvatore Farrugia, mit-Tramuntana ma' beni ta' Emanuel Gatt u mil-Lvant mat-triq bla isem (illum Triq il-Ġir) bħala soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu (€13.98).

Illi b'att pubbliku datat 25 ta' Frar 1964, in atti tan-Nutar Dr Carmelo Lia, l-imsemmi Salvatore Farrugia kien akkwista mill-poter ta' Emanuel Gatt biċċa art fabbrikabbli Il-Kalkara tal-kejl ta' 30 q.k. li tmiss mil-Lvant mat-triq bla isem li tagħti għal Triq il-Kappuċċini, mil-Lbiċ ma' beni ta' Salvatore Farrugia u mit-Tramuntana ma' art ta' Emanuel Gatt, versu ċ-ċens annwu u perpetwu ta'€13.98.

Illi b'att datat 28 ta' Awwissu 1952, in atti tan-Nutar Alberto Sigismondo D'Andria, l-imsemmi Emanuel Gatt kien akkwista mill-poter ta' Angelo Mangion, parti diviża u segregata rimanenti mill-għalqa fabbrikabbli magħrufa bħala 'Tal-Kappuċċini' fil-limiti tal-Kalkara, li tmiss ma' Kapuċċini Road, tal-kejl ta' 90 q.k. kif deskritta f'dan ir-rikors bħala soġġetta għaċ-ċens oriġinali ta' (€ 0.10ċ) versu l-wirt ta' Maria armla Attard, Sidor Micallef, Carmelo Cachia, Michelina, armla Cachia u l-wirt ta' Salvatore Micallef.

Illi jiġi rilevat għal kull buon fini illi s-subċens annwu u perpetwu ta' €13.98 dovut mill-imsemmi Salvatore Farrugia lill-imsemmi Emanuele Gatt tħalla minn Antonia Gatt, armla mill-istess Emanuel Gatt lill-interpellanti Carmen Domancich, b'titolu ta' legat, u dan skont it-testment tagħha datat 27 ta' Frar 1989, in atti Nutar Dr Victor John Bisazza.

Illi għalhekk il-qagħda preżenti hija fejn il-konjugi Domancich għandhom jagħtu l-bilanċ ta' (€4.66) subċens annwu u perpetwu lill-eredi ta' Salvatore Farrugia.

Illi permezz tal-preżenti Ċedola ta' Depożitu u Kontestwali Fidi ta' Ċens l-interpellanti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mid-dispost tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu l-imsemmi ċens ta' (€4.66) mingħand l-eredi ta' Salvatore Farrugia billi jiddepożitaw is-somma ta' €93.20 u jifdu ċ-ċens (€0.10ċ) oriġinali dovut lill-eredi ta' Maria Attard,

Cachia, Michelina Cachia and Salvatore Micallef, on the 4th December 2015, the interpellants Paul Domancich et respectfully pleaded:

That by means of two public contracts of the 26th November 1968 and 22nd November 1969, respectively, both in the records of Notary Dr Carmelo Lia, the interpellant Paul Domancich acquired from Salvatore Farrugia, a house without number, with the name 'Mary House' in a new unnamed road which abuts from Via Kapuċċini, Kalkara (today 'Domancich House', 17, Triq il-Ġir, Kalkara) with its airspace and the contiguous garage with the same house in the same street, Kalkara, bordering this house and garage on the South West with property of Salvatore Farrugia, on the North with property of Emanuel Gatt and on the East with an unnamed street (today Triq il-Ġir) as subject to the annual and perpetual groundrent of (€13.98).

That by a public deed dated 25th February 1964, in the records of Notary Doctor Carmelo Lia, the said Salvatore Farrugia had acquired from Emanuel Gatt, a building site of 30 sq.m. in Kalkara which borders on the West with an unnamed street which abuts on Triq il-Kappuċċini, on the South West with property of Salvatore Farrugia and on the North with property of Emanuel Gatt, towards the annual and perpetual groundrent of (€13.98).

That by an act dated 28th August 1952, in the records of Notary Alberto Sigismondo D'Andria, the said Emanuel Gatt had acquired from Angelo Mangion, a divided and segregated part of the building site known as 'Tal-Kappuċċini' in the limits of Kalkara which borders with Kapuċċini Road, of the area of 90 sq. canes, as described in this application as subject to the original groundrent of (€0.10c) towards the estate of Maria widow Attard, Sidor Micalef, Carmelo Cachia, Michelina, widow Cachia and the estate of Salvatore Micallef.

That it is pointed out for all intents and purposes that the annual and perpetual subgroundrent of €13.98, due by the said Salvatore Farrugia to the said Emanuele Gatt was left by Antonia Gatt, widow of the same Emanuel Gatt, to the interpellant Carmen Domancich, by a title of legacy and this according to her will dated 27th February 1989, in the records Notary Dr Victor John Bisazza.

That thus the present position is one whereby the spouses Domancich owe the balance of (€ 4.66) annual and perpetual subgroundrent to the heirs of Salvatore Farrugia.

That by means of the present Schedule of Deposit and Contextual Redemption of Groundrent the interpellants wish to avail themselves of the provisions of Article 1501 of the Civil Code and redeem the said groundrent of (€4.66) from the heirs of Salvatore Farrugia by depositing the sum of €93.20 and redeem the original groundrent of (€0.10c) due

Sidor Micallef, Carmelo Cachia, Michelina Cachia u Salvatore Micallef billi jiddepożitaw is-somma ta' (€1.40) li tirrappreżenta l-imsemmi ċnus kapitalizzati bil-5%, b'kollox total ta' €94.60, biex tiġi liberament żbankata minn min għandu dritt skont il-liġi.

Interpellanti: Paul Domancich et, 'Domancich House', 17, Triq il-Ġir, Il-Kalkara.

Notifika: (1) Rafela Debarro et, 13, 'Sharon House', Triq Ġanni Raimondo, Il-Kalkara.

(2) Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Evans Building, Il-Belt Valletta (żewġ kopji).

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 7 ta' Diċembru 2015.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Jannar 2016.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

to the heirs of Maria Attard, Sidor Micallef, Carmelo Cachia, Michelina Cachia and Salvatore Micallef, by depositing the sum of (€1.40) which represent the said groundrents capitalised at 5%, in all a total of € 94.60 to be freely withdrawn by who has the right according to law.

Interpellant: Paul Domancich et, 'Domancich House', 17, Triq il-Ġir, Kalkara.

Notify: (1) Rafela Debarro et, 13, 'Sharon House', Triq Ġanni Raimondo, Kalkara.

(2) Director Public Registry, Evans Building, Valletta, (two copies).

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court, and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Lawrence Mintoff, LLD, Doctor of Laws.

Today 7th December 2015.

Registry of the Superior Courts, today 11th January 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

66

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-18 ta' Diċembru 2015, fuq talba ta' HSBC Bank Malta plc, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Frederick Hutchet u Helen Anne Hutchet, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4187/2015, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Court Marshall

By means of a decree given by this Court, on the 18th December 2015, following a request of HSBC Bank Malta plc, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Frederick Hutchet and Helen Anne Hutchet, in the records of the judicial letter number 4187/2015, in the names HSBC Bank Malta plc vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

Permezz ta' Ittra Uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lill-Kuraturi Deputati appuntati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Hutchet Frederic (Passaport Franċiż numru 01T863990) u Hutchet Helen Anne (Passaport Franċiż numru 99TP81754) fis-17 ta' Diċembru 2015, HSBC Bank Malta plc (C 3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jirreferikom għall-kuntratt ta' self mill-mittent, fl-atti tan-Nutar Dr Remigio Zammit, datat 20 ta' Diċembru 2002 u jinterpellakom sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum tħallsu s-somma ta' mija tnejn u sebgħin elf u mija u disa' Ewro u sitt ċenteżmi (€172,109.06) dovuti kif jingħad f'din l-ittra oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma kapitali mis-26 ta' Novembru 2015, sad-data tal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' ħlas, il-Bank mittenti javżakom li se jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tiegħu mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Miriam Hayman, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 18 ta' Diċembru 2015.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Jannar 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a Judicial Letter filed in the First Hall Civil Court to Deputy Curators appointed to represent the absent Hutchet Frederic (French Passport number OIT863990) and Hutchet Helen (French Passport number 99TP81754) on the 17th December 2015, HSBC Bank Malta plc (C 3177) of 32, Merchants Street, Valletta, refers to the contract of loan by the interpellant, in the records of Notary Dr Remigio Zammit, dated 20th December 2002 and calls upon you so that within seven days from today you pay the sum of one hundred seventy two thousand and one hundred and nine Euro and six cents (€172,109.06) due as stated in this letter besides legal interest at the rate of 8% yearly on the capital sum from the 26th November 2015, till the date of effective payment.

In default of payment, the interpellant Bank warns you that further Court action shall be taken against you in execution of their executive title without any prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

You are thus ordered to fix a copy of the bann at the entrance of this Superior Court, and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Madam Justice Miriam Hayman, LLD, Doctor of Laws.

Today 18th December 2015.

Registry of the Superior Courts, today 11th January 2016.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

67

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Settembru 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 7th September 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Go plc (C22334), f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, ippreżentaw Talba, fit-13 ta' Lulju 2015, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Bray Samantha (KI 65085M) ta' 30, Dareel, Triq Carmelo De Lucca, San Pawl il-Baħar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,178.96, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 538/15VG) hija differita għat-22 ta' Jannar 2016 fis-1.00p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 12 ta' Jannar 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Go plc (C 22334), in its own name and for and on behalf of Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, filed a Claim on the 13th July 2015, whereby they asked the Tribunal to condemn Bray Samantha (ID 65085M) of 30, Dareel, Triq Carmelo De Lucca, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €1,178.96, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 538/15VG) is put off until 22nd January 2016 at 1.00p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th January 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

68

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-2 ta' Ġunju 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Go plc (C22334), ta' Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, ippreżentaw Talba, fis-27 ta' Mejju 2015, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Richard Darmanin (KI 52088M) ta' Spinola Court, St George's Park, Flat 2, Triq San Ġorg, San Ġiljan, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €394.46, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 417/15VG) hija differita għat-22 ta' Jannar 2016 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 12 ta' Jannar 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 2nd June 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Go plc (C 22334), of Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, filed a Claim on the 27th May 2015, whereby they asked the Tribunal to condemn Richard Darmanin (ID 52088M) of Spinola Court, St George's Park, Flat 2, Triq San Ġorg, San Ġiljan, to pay the plaintiff company the sum of €394.46, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 417/15VG) is put off until 22nd January 2016 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 12th January 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

69

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' Settembru 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Go plc (C22334), ta' Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, ippreżentaw Talba, fl-4 ta' Awwissu 2015, fejn talbu lit-

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 8th September 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Go plc (C 22334), of Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, filed a Claim on the 4th August 2015 whereby they

Tribunal sabiex jikkundanna lil Renald Casha (KI 268583M) ta' 50, Triq il-Qalb Imqaddsa, Birkirkara, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €528.93, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 632/15VG) hija differita għat-22 ta' Jannar 2016 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 12 ta' Jannar 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

asked the Tribunal to condemn Renald Casha (ID 268583M) of 50, Triq il-Qalb Imqaddsa, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €528.93, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 632/15VG) is put off until 22nd January 2016 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 12th January 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

70

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati.

B' digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-23 ta' Lulju 2015, fuq talba ta' Four X Limited, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà 'Flower Power (Sales) Limited', fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 104/2010, fl-ismijiet Four X Limited vs Mediterranean Flower Products Limited u Flower Power Sales Limited, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors tal-Appell, ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Four X Limited (C 14386) vs Mediterranean Flower Products Limited (C 2197) u Flower Power (Sales) Limited (C 13901) fit-18 ta' Mejju 2015, ir-rikorrenti Mediterranean Flower Products Limited (C 2197), talbet lil Onorabbli Qorti tal-Appell tirriforma s-sentenza mogħtija, fid-29 ta' April 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi Four X Limited (C 14386) vs Mediterranean Flower Products Limited (C 2197) u Flower Power (Sales) Limited (C 13901), kif mitlub f' dan ir-rikors.

Appellanti: 171, Triq l-Ifran Valletta.

Notifika: 1. Four X Limited, John Vella Holdings, 501, Main Street, Mosta.

2. Kuraturi Deputati in rappreżentanza ta' Flower Power (Sales) Ltd (C 13901).

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b' dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Bann for Curators

Republic of Malta

To The Marshall of the Court.

By means of a decree by this Court, on 23rd July 2015, following a request by Four X Limited, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the company 'Flower Power (Sales) Limited', in the records of the sworn application number 104/2010, in the names Four X Limited vs Mediterranean Flower Ptroducts Limited and Flower Power Sales Limited, and in the relative and subsequent acts.

By means of an Appeal Application, filed, in the Court of appeal, in the names Four X Limited (C 14386) vs Mediterranen Floweer Products Limited (C 2197) and Flower Power (Sales) Limited (C 13901) on the 18th May 2015, the applicant Mediterranean Flower Products Limited (C 2197) asked this Honourable Court of Appeal to reform the judgement given on the 29th April 2015, in the cause in the names premised Four X Limited (C 14386) vs Mediterrranean Flower Products Limited (C 2197) and Flower Power (Sales) Limited (C 13901), as demanded in this application.

Appellant: 171, Triq l-Ifran, Valletta.

Notify: 1. Four X Limited, John Vella Holdings, 501, Main Street, Mosta.

2. Deputy Curators in representation of Flower Power (Sales) Ltd (C 13901).

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes to so act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi, jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Onor. Prim' Imħallef Silvio Camilleri, LLD, Duttur tal-Ligi.

Illum 23 ta' Lulju 2015.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta'Jannar 2016.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above-mentioned, given with the witness of the Hon.Chief Justice Silvio Camilleri, LLD, Doctor of Laws.

Today 23rd July 2015.

Registry of the Superior Courts, today 12th January 2016.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

71

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-3 ta' Diċembru 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Perit Karl Paul Farrugia (KI 9182M) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Farrugia & Associates ta' 119, Main Street, Balzan, BZN 1251, ippreżenta Talba, fis-17 ta' Settembru 2015, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Lewis Baldacchino (KI 428467M), ta' 77, Triq Sant'Anton, ix-Xagħra, sabiex iħallas lill-attur nomine s-somma ta' €649.89, liema ammont huwa dovut lill-attur nomine.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 783/15JB) hija differita għall-25 ta' Jannar 2016 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Magistrati (Malta), illum 12 ta' Jannar 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 3rd December 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Architect Karl Paul Farrugia (ID 9182M), carrying on trade under the name Farrugia & Associates of 119, Main Street, Balzan, BZN 1251, filed a Claim on the 17th September 2015, whereby he asked the Tribunal to condemn Lewis Baldacchino (ID 428467M), of 77, Triq Sant'Anton, Xagħra, to pay the plaintiff nomine the sum of €649.89, which amount is due to the plaintiff nomine.

With costs and legal interest.

The case (Claim Number 783/15JB) is put off on the 25th January 2016 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th January 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

72

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati.

B' digriet mogħti minn din il-Qorti, fil-10 ta' Diċembru 2015, fuq talba ta' Emanuela Grech, ġie ordnat biex jintgħażlu

Bann for Curators

Republic of Malta

To The Marshall of the Court.

By means of a decree by this Court, on 10th December 2015, following a request by Emanuela Grech, it was ordered

kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lil Salvation Army ta' Melbourne, Victoria, ġewwa l-Awstralja, fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 1157/15 SM, fl-ismijiet Grech Emanuela vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Emanuela Grech (ID 34937(M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Salvation Army ta' Melbourne, Victoria, ġewwa l-Awstralja, fis-7 ta' Diċembru 2015, ir-rikorrenti Emanuela Grech talbet lil din Onorabbli Qorti:

1.) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-imsemmi Aloisio sive Luigi Grech ma kienx kapaċi jagħmel it-testment tas-7 ta' Jannar 2005 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino, għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors, u li tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż, kontra s-soċjetà intimata inġunta in subizzjoni.

Rikorrenti: 1, Ekke, Triq id-Dwiemes, Żejtun.

Soċjetà intimata: Melbourne, Victoria, Awstralja.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b' dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija, bix-xhieda ta l-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff LLD., Duttur tal-Ligi.

Illum 10 ta' Diċembru 2015.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta'Jannar 2015.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

that deputy curators be chosen to represent the Salvation Army of Melbourne, Victoria, in Australia, in the records of the sworn application number 1157/15 SM, in the names Grech Emanuela vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Emanuela Grech (ID 34937M) vs Deputy Curators to represent the Salvation Army of Melbourne, Victoria in Australia, on the 7th December 2015, the applicant Emanuela Grech asked this Honourable Court:

1.) To declare and decide that the said Aloisio sive Luigi Grech was not capable of writing the will of 7th January 2005 in the records of Notary Paul Pullicino, for the reasons mentioned in the application, and to uphold the other demands in the application.

With costs against the respondent company summoned so that a reference to its evidence be made.

Applicant: 1. Ekke, Triq id-Dwiemes, Żejtun.

Respondent company: Melbourne, Victoria, Australia.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr. Justice Lawrence Mintoff LLD., Doctor of Laws.

Today 10th December 2015.

Registry of the Superior Courts, today 12th January 2016.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

73

B' digriet mogħti, fl-1 ta' Settembru 2015, mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Vella Maria Dolores vs Bugeja Carmelo, rikors numru 30/15MV, ġiet ordnata is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika

By means of a decree given on 1st September 2015 by the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Vella Maria Dolores vs Bugeja Carmelo, application number 30/15 MV, the following publication was

fil-konfront tal-intimat Carmelo Bugeja, a tenur tal-Artikolu 187(3) et. seq. tal-Kap 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Maria Dolores Vella vs Carmelo Bugeja, fit-28 ta' Awissu 2015, ir-rikorrenti Maria Dolores Vella (ID 305357(M) esponiet bir-rispett:

Illi l-intimat, għalkemm notifikat permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni, huwa baqa' ma ppreżenta ebda risposta għall-kawża odjerna;

Illi nhar is-6 ta' Lulju 2015, ir-rikorrenti ppreżentat kopja ta' l-affidavit tagħha u bi żvista hija naqset milli tesebixxi u tannetti kopja tat-testment illi juri l-provenzjenza tal-fond in kwistjoni;

Illi għal kull buon fini, anki jekk dan mhux rikjest bil-liġi, hija qiegħda tesebixxi kopja ta' dan l-istess testment datat 31 ta' Awwissu 1998, kopja hawn annessa u mmarkata Dok T1 għal finijiet ta' kjarezza.

